**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 25 ta' Ġunju, 2020

Rikors Numru: 116/18 AL

**A B**

**Vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] ipprezentat mill-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:

1. *Illi l-partijiet iccelebraw iz-zwieg taghhom nhar is-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) gewwa l-Parrocca ta' Santa Marija, Mosta;*

[1] Fol. 1-11.

*2. Illi l-partijiet ottejenew separazzjoni personali wara z-zwieg qasir taghhom, permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Vanessa Pool, datat nhar it-tlieta (3) ta' Jannar, tas-sena elfejn u sbatax (2017), kopja ta' liema qieghda tigi annessa flimkien ma dan ir-rikors guramentat, immarkata bhala Dok. BB1;*

*3. Illi l-intimat, anke matul l-gherusija ftit li xejn qatt wera` interess fil-hajja mizzewga u minkejja t-tamiet li kellha l-esponenti ghal wara li jigi ccelebrat iz-zwieg tal-partijiet, is-sitwazzjoni ftit li xejn ameljorat ruhha, biex ma jinghadx li sahansitra marret ghall-aghar;*

*4. Illi l-intimat eskluda l-att taz-zwieg innifsu. F'dan is-sens l-esponenti tirrileva illi l-partijiet ftit li xejn esperjenzaw lil xulxin qabel iz-zwieg, u din is-sitwazzjoni ma nbidlitx wara z-zwieg, bl-intimat jevita ghal xhur shah li jkollu relazzjonijiet intimi mal-attrici;*

*5. Illi dan ic-cirkostanza, maghduda wkoll mal-fatt illi l-intimat qatt ma ghamel sforzi sabiex il-partijiet jghixu flimkien bhala familja, jew wera nteress jikkongungi ma martu sabiex jghixu bhala mizzewgin u jkollhom familja ghal rashom, ta x'jifhem lill-esponenti li effettivament l-intimat qatt ma xtaq li jifforma familja flimkien mal-attrici, minkejja z-zwieg taghhom, u li fl-ebda hin ma kien ippreparat mentalment u emozzjonalment ghal hajja mizzewga, kif ser jigi pprovat ulterjorment fis-smiegh u t-trattazzjoni;*

*6. Illi ghal dawn ir-ragunijiet u ohrajn li l-attrici ser tkun qieghda tamplifika dwarhom fl-istadju opportun, jigi rilevat illi jezistu l-estremi*

*rikjesti sabiex iz-zwieg jigi annullat fit-termini tal-artikolu 19(f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;*

7. *Illi l-attrici taf b'dawn il-fatt personalment, u ser tkun qieghda tixhed dwarhom f'dawn il-proceduri;*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob reverentement illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha;*

1. *Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi iz-zwieg bejn il-kontendenti ccelebrat nhar is-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) gewwa l-Parrocca ta' Santa Marija, Mosta, ai termini tal-artikolu 19(f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xiehda tal-attriċi.

Rat ir-risposta ġuramentata[2] tal-konvenut li permezz tagħha eċċepixxa:

1. *Illi l-esponenti m'ghandu ebda oggezzjoni ghall-annullament taz-zwieg tieghu mill-attrici stante li veru jeżistu elementi skont il-ligi ghall-annullament tal-imsemmi żwieġ bejnu u bejn martu, pero ghal raġunijiet imputabbli lila kif allegat u dana ser jiġi pruvat dettaljatament fil-mori tal-kawza;*

2. *Illi fi kwalsiasi kaz, l-esponenti m'ghandux ibati spejjez;*

3. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri;*

Rat il-lista tax-xiehda tal-konvenut;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat l-affidavit tal-attriċi[3] u tax-xiehda minnha prodotti[4];

---

[2] Fol. 17-18.
[3] Fol. 22-28.
[4] Fol. 37-47, 48-52.

Rat l-affidavit tal-konvenut[5] u tax-xiehda minnu prodotti[6];

Rat il-kontro-ezamijiet kollha[7];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi[8];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut[9];

Rat illi l-kawza tħalliet għas-sentenza għal-lum[10];

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

Il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex iż-żwieġ bejn l-attriċi u l-konvenut, li ġie ċċelebrat nhar is-17 ta' Mejju 2015 ġewwa l-Parroċċa ta' Santa Marija, il-Mosta, jiġi ddikjarat null u bla effett fil-liġi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Att Dwar iż-Żwieġ tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

1. *<u>Verzjoni tal-Attriċi:</u>*

L-attriċi tiddikjara illi hi u C D kienu ltaqgħu fuq il-post tax-xogħol fis-sena 2013 meta kienu jaħdmu t-tnejn li huma bħala *security* ġewwa l-Ajruport ta' Malta. C D kien wieħed mill-impjegati li kien qiegħed iħarreġ lil attriċi, ġialadarba din tal-aħħar kienet għadha kemm tibda dan l-impjieg. Kien proprju minn hemm li l-partijiet bdew jikkomunikaw u jitkellmu iktar, kemm fuq kwistjonijiet ta' xogħol kif ukoll fuq aspetti tal-ħajja privata.

Fl-affidavit tal-attriċi jiġi spjegat illi wara ikla tax-xogħol li huma kienu attendew, il-partijiet bdew jinvolvu lil xulxin f'ħajjithom. Madanakollu l-attriċi tispjega li kien proprju wara li C D kien iltaqa' mal-membri tal-familja tal-attriċi f'*boat party*, li huma ddeċidew li jibdew relazzjoni serja flimkien. Minħabba relazzjonijiet passati li kellha l-attriċi, hija tgħid illi sa mill-bidu

---

[5] Fol. 59-61.
[6] Fol. 79-83, 88-90
[7] Fol. 57-58, 63-72, 73-77, 84-87, 95-103.
[8] Fol. 104-115.
[9] Fol.
[10] Fol. 94.

nett tar-relazzjoni kienet ċara ma' C D li l-intenzjoni tagħha kienet li jkollha relazzjoni serja, fejn tistabbilixxi familja u tingħaqad fis-sagrament taz-zwieġ. L-attriċi tkompli billi tikkonferma li skontha l-konvenut dejjem taha x'tifhem li hu ried l-istess. Għaldaqstant, l-attriċi ma kellhiex għalfejn temmen li kellu jkun hemm problema.

Ftit wara li l-attriċi u l-konvenut stabbilixxew ir-relazzjoni ta' bejniethom, huma bdew jorqdu flimkien għand il-ġenituri rispettivi tagħhom. Skont l-attriċi, il-konvenut kien jirrispettaha izda wara xhur jorqdu flimkien, kienet intebħet li hemm problema stante li ma kienet tezisti l-ebda relazzjoni intima bejniethom. Wara li l-attriċi kienet iddiskutiet din il-problema mal-konvenut, dan ikkonfermalha li ma hemm l-ebda problema da parti tiegħu li bejniethom ikun hemm intimita' fizika u wara seba' (7) xhur minn meta bdiet ir-relazzjoni ta' bejniethom, seħħ għall-ewwel darba rapport intimu, li ġie deskritt mill-attriċi bħala *'episodju izolat'* stante li kienu *'ghaddew xhur shah sa ma kellna x'naqsmu flimkien'*.

Din il-kwistjoni kienet tberren ferm f'moħħ l-attriċi, izda skont l-attriċi minkejja li din kienet tikkonfronta lil konvenut, dan tal-aħħar dejjem kien iġib l-iskuzi, fosthom li jkun għajjien wara x-xogħol. L-attriċi tispjega ukoll li kienet ferm konfuza dwar l-atteġġjament tal-konvenut meta xi drabi kien jagħtiha x'tifhem li dakinhar wara li jlestu mix-xogħol ikun ser ikollhom rapport fiziku bejniethom, izda meta jasal il-ħin kien iġib is-solita skuza jew inkella jasal f'punt li ma jkunx jista' jkompli bl-att innifsu minħabba kwistjonijiet tan-natura. L-attriċi tikkontendi li kienet tħossha ferm konfuza għaliex filwaqt li l-konvenut kien dejjem jimxi sew magħha, hi kienet tħoss li kien hemm xi ħaġa nieqsa fir-relazzjoni tagħhom. Minkejja din il-problema, il-partijiet iddeċidew li jingħaqdu fis-sagrament taz-zwieġ, bit-tama tal-attriċi li din il-problema ta' nuqqas ta' intimita' fizika tirrisolvi ruħha. Fil-fatt skont l-attriċi, il-konvenut kien iserħilha rasha li wara z-zwieġ l-affarijiet ta' bejniethom, mill-aspett sesswali, kienu ser jitjiebu għaliex ma kienx ser ikollhom iktar stress. Madanakollu, l-attriċi tisħaq li fl-ebda waqt qabel iz-zwieġ ma kienet konsapevoli li din il-problema kienet ser tibqa' tippersisti anke wara z-zwieġ.

L-attriċi u l-konvenut iċċelebraw iz-zwieġ tagħhom nhar is-17 ta' Mejju 2015. L-attriċi tispjega li dakinhar taz-zwieġ stess u f'dik il-ġimgħa bejn id-

data taz-zwieġ u l-jum li fih telqu għal qamar il-għasel, ma kien seħħ l-ebda att taz-zwieġ bejniethom. Matul qamar il-għasel, li dam għal sbatax-il (17) ġurnata ġewwa Dubai u Maldives, l-attriċi tgħid illi kellhom rapport intimu wieħed biss u dan minkejja l-isforzi kollha tagħha li tersaq lejh. Wara li waslu lura Malta u bdew ir-rutina tagħhom normali, din is-sitwazzjoni ma tjibietx izda baqgħat l-istess. Il-partijiet kien ikollhom rapport intimu darba kull numru ta' xhur. L-attriċi tispjega li hi kienet turi lil konvenut li ma kienetx ferħana b'din is-sitwazzjoni għaliex skontha dan ma kienx zwieġ.

Fl-affidavit tagħha l-attriċi tagħmilha ċara illi hija kienet tixtieq tibda familja mal-konvenut. Izda l-attriċi tirrakonta li kienet tweġġa' ferm meta kienu jkunu mal-familjari jew ħbieb li jkollhom it-tfal u l-konvenut kien jgħidilhom li l-Bambin lilhom kien nesihom u dan meta huma rarament kien ikollhom rapport fiziku. Fil-fatt l-attriċi tisħaq li ppruvat tgħin lil konvenut billi ssuġġerietlu li jaraw *counsillor* jew professjonisti oħra, izda tgħid li da parti tiegħu dejjem kien hemm nuqqas ta' entuzjazmu u interess.

L-attriċi tgħid li hi ma kienetx tiftaħ qalbha dwar is-sitwazzjoni ma' dawk viċin tagħha, sakemm darba fetħet qablha ma' ommha u familjari oħra. Minkejja l-isforzi kollha tagħha, l-attriċi ma felhitx tkompli b'din il-ħajja għaliex dan tagħha ma kienx zwieġ. B'hekk fil-fehma tagħha ma kien l-ebda triq oħra ħlief li titlob separazzjoni minn mal-konvenut. Meta hija qaltlu bl-intenzjoni tagħha għas-separazzjoni, il-konvenut ma oġġezzjonax. Għaldaqstant, iz-zwieġ ta' bejn il-partijiet ma damx ħafna għaliex il-partijiet sseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Vanessa Pool, liema kuntratt huwa datat 3 ta' Jannar 2017.[11]

Illi permezz tal-kawza odjerna l-attriċi qiegħda titlob in-nullita' taz-zwieġ tagħha stante li fil-fehma tagħha l-konvenut eskluda l-att taz-zwieġ innifsu u ma għamel l-ebda sforzi sabiex jgħixu bħala mizzewġin u jkollhom familja. B'hekk fil-fehma tal-attriċi, il-konvenut fl-ebda ħin ma kien ippreparat mentalment u emozzjonalment għal ħajja mizzewġa.

---

[11] Fol. 6-11.

2. *Verzjoni tal-Konvenut:*

Il-konvenut jikkonferma li ltaqa' mal-attriċi fuq il-post tax-xogħol u li minn hemm bdew joħorġu flimkien. Jikkonferma ukoll li skontu kemm hu kif ukoll l-attriċi kienu jaqblu li kienu lesti għaz-zwieġ u li jibdew familja flimkien. Madanakollu, il-konvenut jispjega li l-imġieba tal-attriċi ma kienetx tirrifletti dan kollu u dan stante nuqqas ta' maturita' da parti tagħha peress li hi kienet izgħar minnu fl-eta'.

Fil-fehma tal-konvenut, sa mill-bidu tar-relazzjoni tiegħu mal-attriċi, irrealizza li l-attriċi kienet tgħir u riedet li jkollha kontroll fuqu. Magħdud ma' dan, il-konvenut jelenka ukoll bħala problema l-fatt li A B riedet tibqa' tgħix ma' ommha saħansitra wara z-zwieġ u b'hekk huwa kien tal-fehma li dan kollu jistabbilixxi li l-attriċi qatt ma kienet lesta għal ħajja mizzewġa. Fil-fatt il-konvenut jikkontendi li wara z-zwieġ marru joqgħodu ġewwa l-Mosta flimkien ma' ommha, il-*partner* ta' ommha u ħabib ta' ommha. Skont il-konvenut, il-fatt li għamlu zmien jgħixu ma' omm l-attriċi, kien iwassal għal problemi bejn il-partijiet sabiex ikunu intimi. Il-konvenut jispjega ukoll li huma dejjem kellhom nuqqas ta' privatezza, saħansitra dakinhar tal-ġurnata taz-zwieġ tagħhom għaliex wara ċ-ċerimonja, l-attriċi kienet stiednet il-familjari d-dar tagħhom.

Fl-affidavit tiegħu l-konvenut jispjega ukoll li wara z-zwieġ, huwa wera x-xewqa li jibda familja. Madanakollu, skontu l-attriċi mhux dejjem uriet din ix-xewqa miegħu u barra minn hekk jiddikjara ukoll illi l-attriċi kellha problema medika fejn il-ġinekologu kien qal lil attriċi li kien ħa jkun diffiċli li jkollha t-tfal jekk din ma tiġix operata, liema appuntament għall-operazzjoni ma sarx mill-attriċi qabel ma' sseparaw minn xulxin.

Skont il-konvenut, barra l-problemi hawn fuq imsemmija, huwa jgħid illi A B ftit li xejn kienet tkun id-dar. Fil-fehma tiegħu l-attriċi ma riedetx tqatta' ħin miegħu sa mill-bidu taz-zwieġ tagħhom. Jallega ukoll li l-attriċi kellha relazzjoni extra-matrimonjali, li skontu l-attriċi qatt ma nnegat.

Għaldaqstant, fil-fehma tal-konvenut għalkemm hemm lok li z-zwieġ ta' bejn il-partijiet jiġi ddikjarat null, dan għandu jkun bi ħtija tal-attriċi għaliex ma kienetx lesta għal ħajja matrimonjali.

3. *Prinċipji Legali:*

F'dan l-istadju, l-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddiskuti l-kawżali li fuqha hija msejsa l-kawża odjerna u cioe l-Artikolu 19(1)(f) tal-Att dwar iż-Żwieġ, illi jistipula:

***"19. (1) B'zieda mal-kazijiet fejn zwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, zwieġ ikun null:***

***(f) Jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja mizzewġa, jew tad-dritt għall-att taz-zwieġ;"***

Il-Qorti tirrileva li sabiex tiġi milqugħa talba għal dikjarazzjoni ta' nullita' taż-żwieġ f'dan il-kuntest, irid jiġi neċessarjament ppruvat li xi wieħed mill-partijiet, jew it-tnejn, għamel jew għamlu simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tiegħu, tagħha jew tagħhom. Dan ifisser illi meta *si tratta* l-esklużjoni taż-żwieġ, jew wieħed jew aktar mill-elementi tiegħu, jew tad-dritt għall-att taz-zwieġ, minkejja li parti tkun kapaċi tagħti kunsens validu għaż-żwieġ, pero' bl-atti tiegħu qabel u fil-ħajja miżżewġa, jew bl-ommissjoni tiegħu, eskluda *a priori* ċertu obbligi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, ċjoe', issimula l-kunsens tiegħu totalment fejn eskluda *a priori* ż-żwieġ, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi waħda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, u ċjoe' saret simulazzjoni parzjali.[12]

Dan l-insenjament ġie ukoll ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Alfred Tonna vs Maria Tonna**,[13] *"ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-għoti tal-kunsens matrimonjali parti jew oħra (jew it-tnejn) esternament turi li qed tagħti l-kunsens matrimonjali iżda nternament u b'att pożittiv tal-volonta' tagħha tkun qed tiċħad il-kunsens għal dak iż-żwieġ (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pożittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali għaż-żwieġ (simulazzjoni parzjali)".*

Għaldaqstant, sabiex azzjoni tkun tista' tirnexxi taħt l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta, wieħed irid iġib prova li z-zwieġ falla minħabba l-fatt li wieħed mill-partijiet minn qabel ma' ta l-kunsens tiegħu huwa kien diġa' mentalment dispost li ma jaqdix wieħed jew kull obbligu matrimonjali. Dan huwa estremament importanti għaliex f'tali ċirkostanza

[12] **Sharon Lanzon vs. Francis Attard**, deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-15 ta' Marzu 2000.
[13] Deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (VDG), 31 ta' Jannar 1996.

biss jista’ jiġi konkluz illi hemm bazi legali għall-estremi tal-annullament. Min-naħa l-oħra, f’kaz li l-provi prodotti jindikaw li z-zwieġ falla minħabba ċirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieġ, hawnhekk il-kwistjoni ma tagħtix lok għal annullament izda għal separazzjoni personali bejn il-partijiet.[14]

### 3.1. *Artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Liġiiet ta’ Malta u s-Simulazzjoni Totali (colorem habens, substantiam vero nullam):*

F’dan ir-rigward il-Qorti sejra sabiex tevalwa l-ewwel parti tas-subinċiz(1)(f) tal-Artikolu in kwistjoni u ċjoe’ l-frazi *“eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu”*, jew kif magħruf ukoll bħala simulazzjoni totali. Sabiex ikun hemm simulazzjoni totali, il-Qorti tgħallem illi jrid ppruvat illi l-*finis operis* taz-zwieġ ġie effettivament eskluż mill-vera rieda ta' parti jew oħra, għalkemm formalment tkun seħħet iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ.[15] Magħdud ma’ dan, il-Qorti tirriafferma illi simulazzjoni totali tissussisti ukoll meta wieħed mill-partijiet imur għaċ-ċerimonja taz-zwieġ u internament jissostitwixxi l-ideat tiegħu fuq dak li jikkostitwixxi zwieġ jew jeskludi l-veru kunċett taz-zwieġ.[16]

Għaldaqstant, fi kliem qasir, simulazzjoni totali tfisser *“meta l-atti, ġesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux għall-kunsens intern li jkun ingħata”*,[17] u ċjoe’ il-kunsens matrimonjali estern ta’ parti ma jkunx ugwali għal dak intern. B’hekk dik il-parti li tkun qiegħda internament u volontarjament tiċħad il-kunsens għal dak iz-zwieġ, min-naħa l-oħra u esternament tkun qiegħda tagħti l-kunsens tagħha hekk ssimulat minnha stess.

### 3.2. *Artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta’ Malta u s-Simulazzjoni Parzjali (colorem habens, substantiam vero alteram):*

---

[14] Ali Chahid vs. Mary Spiteri, deċiza mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-5 ta’ Ġunju 2002 (Ċitaz: 1733/01RCP).

[15] Bonnici vs Bonnici, deċiza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta’ Lulju 1982, kif rapportata f’Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-13 ta’ Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP).

[16] Cali vs. Dr. Albert S. Grech, deċiza mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, 22 ta’ Ġunju 1988, kif rapportata f’Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili nhar 13 ta’ Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP).

[17] Anna Galea vs John Walsh, deċiza mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta’ Marzu 1995 (Ċitazzjoni Numru 723/94VGD).

F’dan ir-rigward il-Qorti sejra sabiex tevalwa t-tieni parti tas-subinċiż (1)(f) tal-Artikolu in kwistjoni u ċjoe’ l-frazi *“eskluzjoni pozittiva ta’ xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja mizzewġa”*. F’dan ir-rigward, simulazzjoni parzjali tfisser li l-parti kkonċernata ma tkunx qiegħda internament u volontarjament tiċħad il-kunsens għal dak iz-zwieġ b’mod intier, izda tkun qiegħda internament u volontarjament tiċħad il-kunsens tagħha għaz-zwieġ billi b’mod volontarju teskludi biss wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali għal ħajja matrimonjali.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Gallo vs Dr Anthony Cutajar et**, il-Qorti saħqet illi: *““meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero’ bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe’ ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe’ saret simulazzjoni parzjali”.*

Il-Qorti tinnota li l-Att dwar iz-Zwieġ (Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta’ Malta) ma jagħtix definizzjoni ta’ x’inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, iżda mill-ġurisprudenza kostanti wieħed jista’ jiddetermina liema huma dawn l-obbligi. Fis-sentenza fl-ismijiet **Abdel Wahed vs. Dr. Yana C Stafrace et. Noe,**[18] ġie ritenut li l-elementi essenzjali taz-zwieġ jikkonsistu fil-*“ kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta’ tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta’ u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta’ l-ulied”.* Dan l-insenjament ġie kkonfermat f’numru ta’ kazijiet.[19]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Demicoli vs Anne Demicoli**,[20] il-Qorti għallmet: *“Illi dan l-impenn ghall-futur jittraduci ruhu fl-obbligazzjonijiet essenzjali ghal hajja taz-zwieg, fosthom il-fedelta’ u fiducja, l-permanenza taz-zwieg, u fuq kollox il-benessere reciproku bejn il-mizzewgin, u cjoe`, dawk l-obbligazzjonijiet li minghajrhom unjoni intima bejn il-konjugi fl-aspetti kollha taghha ma tistax issehh”.* B’hekk il-Qorti dejjem fehmet li l-unjoni intima fl-aspetti kollha, inkluz dik intima, ta’ bejn il-konjuġi hija

[18] Deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (FD) nhar l-14 ta’ Lulju 1994.
[19] Ara Aquilina vs Aquilina, deċiża mill-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta’ Jannar 1991, Grech vs Grech, deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta’ Ottubru 1990, Atkins Charles vs Atkins Matilde, deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-2 ta’ Ottubru 2003 (Ċitazz: 1264/1997RCP).
[20] Deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, nhar is-7 ta’ Ottubru 2003 (Ċitazz: 1512/2000/1).

estremament importanti fil-ħajja matrimonjali. Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Calleja Noel vs Saliba Rita**,[21] fejn saħqet: *"Illi wahda mill-elementi essenzjali fiz-zwieg huwa li jkun hemm relazzjonijiet intimi bejn il-koppja mmirati ghal prokreazzjoni tat-tfal. Jekk jonqos dan l-element, ghalhekk il-ligi taz-zwieg tikkontempla li dan ghandu jwassal ghal annullament taz-zwieg"*.

Għaldaqsant, "*jekk xi waħda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapaċita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iż-żwieġ li jiġi hekk kreat ma jistax ikun wieħed validu....Teżisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss waħda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jiġi stabbilit iż-żwieġ bħal per eżempju, l-esklużjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-esklużjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-oħra".*[22]

4. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern:

Illi stabbilit dan l-aspett legali tal-kunċett tas-simulazzjoni tal-kunsens, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi miġbura.

Mill-assjem tal-provi jidher ċar li minkejja li l-partijiet kienu qegħdin jaqblu li wara z-zwieġ huma kellhom l-intenzjoni li jibnu familja flimkien, il-Qorti tevalwa li fil-fehma tal-attriċi, kienet tezisti problema unika bejn il-partijiet u ċjoe' dik tal-intimita' fizika u li konsegwentament kienet tammonta għal diffikulta' fil-prokreazzjoni tal-ulied. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tinnota li fil-fehma tal-konvenut l-problema tal-intimita' fizika ma kienetx tezisti.

L-attriċi tispjega li kemm qabel iz-zwieġ u kif ukoll wara, il-partijiet rarament kien ikollhom relazzjoni intima. Il-Qorti tosserva li sa minn zmien l-għerusija, l-attriċi kienet issib lilha nnifisha ferm imħassba dwar l-aġir tal-konvenut, raġel li dak iz-zmien kellu madwar it-tletin (30) sena. L-attitudni tal-konvenut tidher li baqgħat tippersisti wara z-zwieġ, fejn saħansitra tul qamar il-għasel tagħhom, fejn kienu jinsabu 'l bogħod mid-dar, mill-familjari u mix-xogħol, il-partijiet kellhom rapport intimu ta' darba jew darbtejn tul perjodu ta' ġimagħtejn. F'għajnejn il-Qorti dan l-aġir da parti l-

[21] Deċiza mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) nhar it-30 ta' Ġunju 2005 (Ċitazz: 19/2004RCP).
[22] Atkins Charles vs Atkins Matilde, deċiza mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-2 ta' Ottubru 2003 (Ċitazz: 1264/1997RCP).

konvenut ma huwiex wieħed mistenni minn raġel li dak iz-zmien kien għad kellu madwar it-tletin (30) sena u suppost fl-aqwa ta' ħajtu.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti tevalwa li f'għajnejn il-konvenut ma kien hemm l-ebda problema bejnu u l-attriċi sa minn qabel iz-zwieġ u fil-perjodu tal-ewwel disa' (9) xhur miz-zwieġ. Fil-fatt huwa jgħid *"L-ewwel disa' xhur qed ngħidlek għamilnihom qisna koppja normali, intimita' kien hemm jiġifieri"*.[23] Madanakollu l-konvenut ma jikkontesta bl-ebda mod il-verzjoni tal-attriċi u ċjoe' li r-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom kienu skarsi għall-aħħar. Lanqas ma jikkontesta li kull meta l-attriċi kienet tipprova tersaq lejh, huwa kien jgħidilha li jħossu għajjien wara x-xogħol, jew li kien wiegħed lil attriċi li wara li jizzewġu huma ser ikollhom relazzjoni intima b'saħħitha bl-intiza ukoll li jkollhom it-tfal. Fil-fatt il-Qorti tinnota li missier il-konvenut stess ikkonferma li l-konvenut stess ammetta ma' missieru li kien ta' spiss jgħid lil attriċi li kien ikun għajjien.[24] Minn dak iddikjarat mill-konvenut, jidher illi fil-fehma tiegħu hu normali li koppja mizzewġa friska ma jkollhiex relazzjonijiet intimi dakinhar tal-ġurnata taz-zwieġ stess u li matul qamar il-għasel ikollhom rapport wieħed jew tnejn fuq medda ta' ċirka ġimagħtejn.[25] Il-konvenut jittenta jispjega li l-partijiet kellhom diffikulta' jkunu intimi ma' xulxin f'xi waqtiet minħabba n-nuqqas ta' privatezza li kellhom meta kienu qegħdin joqgħodu ma' omm l-attriċi. Għalkemm jidher li huwa minnu li l-partijiet għamlu zmien jgħixu ma' omm l-attriċi, il-Qorti hija tal-fehma li din il-kwistjoni ta' nuqqas ta' privatezza, ftit li xejn għandha titqies bħala vertiera u relevanti għal kaz odjern u dan tenut kont tal-fatt li ftit qabel u ezatt wara z-zwieġ, il-partijiet kienu qegħdin jgħixu għal rashom f'appartament fejn kellhom il-privatezza assoluta u xorta waħda kien hemm nuqqas ta' intimita' fizika bejn il-partijiet.

Għalkemm ma hemmx kontestazzjoni in ġenerali da parti l-konvenut rigward l-iskarsita' tar-rapporti intimi bejn il-partijiet, il-konvenut jittenta jitfa' l-ħtija għall-falliment taz-zwieġ fuq l-attriċi. Huwa jallega tlett (3) kwistjonijiet u ċjoe': (a) in-nuqqas ta' maturita' da parti l-attriċi li skontu tispikka mill-fatt li kienet tqatta' ftit ħin miegħu u kien iktar moħħha fi sħabha u x-xalar, (b) l-allegata infedelta' da parti l-attriċi ma rġiel differenti, u (ċ) l-allegata problema medika, hekk deskritta mill-konvenut stess bħala 'qarnita fl-utru' li minħabba tali l-attriċi kellha tagħmel intervent u li kien

[23] Ara x-xiehda ta' C D in kontro-ezami ta' nhar is-16 ta' Jannar 2020, a fol. 97.
[24] Ara x-xiehda ta' Christopher D in ezami ta nhar it-8 ta' Ottubru 2019, a fol. 86.
[25] Ara x-xiehda ta' C D in kontro-ezami ta' nhar is-16 ta' Jannar 2020, a fol. 100-101.

hemm il-probabilita' li minħabba l-imsemmija problema, l-attriċi kellha 99% ta' infertilita'. Il-Qorti tosserva li x-xalar u l-adulterju da parti l-attriċi ma ġewx minimament ippruvati mill-konvenut. Madanakollu, l-Qorti tirrileva li anke kieku dawn l-allegazzjonijiet ġew ippruvati sal-grad rikjest mil-liġi, ftit li xejn dawn kellhom ikunu ta' relevanza stante li kienu kwistjonijiet li qamu wara z-zwieġ u ma kienux jezistu qabel fl-għerusija; għaldaqstant *se mai* kienu jagħtu lok għal separazzjoni u mhux annullament. Min-naħa l-oħra u rigward l-infertilita' tal-attriċi, din lanqas ma ġiet ippruvata mill-konvenut. Madanakollu, il-Qorti tinnota li l-attriċi tikkumenta rigward dan u tgħid li għandha l-kundizzjoni ta' *polycystic ovaries*, għal liema kundizzjoni jezisti trattament li madanakollu tali kundizzjoni ma toħloq l-ebda impediment lil mara sabiex ikollha t-tfal jew li tagħmilha infertili. Minkejja z-zewġ verzjonijiet kunfliġġenti rigward din il-kwistjoni, ma ġie prodott l-ebda professjonist sabiex jivverifika verzjoni minnhom. Madanakollu, ġialadarba l-allegazzjoni kienet da parti l-konvenut, il-Qorti tqis li skont il-massima legali *affirmati non neganti incumbit probatio,* kien għaldaqstant jispetta lilu li jġib dik il-prova neċessarja sabiex jikkorrabora l-allegazzjoni vvantata minnu.

Il-Qorti hija tal-fehma li n-nuqqas ta' rapport intimu bejn il-partijiet jikkostitwixxi bazi estrem għal annullament. Għalkemm il-ħajja tal-mizzewġin għandha tkun ibbazata fuq ir-rispett, il-fedelta' u l-fiduċja, li indubjament huma elementi kruċjali għal ħajja matrimonjali, wieħed m'għandux jiskredita l-element tal-intimita' fizika fil-ħajja mizzewġa. Tant kemm l-element tal-intimita' fizika huwa essenzjali f'ħajja mizzewġa, li permezz ta' dan l-element biss koppja mizzewġa tista' tipprova tipprokreja l-ulied u tibni familja. Fil-kaz odjern jidher ċar li kien hemm qbil bejn il-partijiet li huma riedu jkollhom it-tfal. Madanakollu l-partijiet ma setgħax ikollhom it-tfal ġialadarba kien hemm nuqqas ta' relazzjoni intima b'saħħitha bejniethom. Il-Qorti ġiet provduta bi provi suġġettivi għall-aħħar u dan għaliex il-problema tal-intimita' fizika bejn il-partijiet qatt ma ġiet evalwata minn professjonist. Madanakollu, il-Qorti tirrileva li ma kellhiex raġuni valida għaliex ma tistrieħx fuq il-verzjoni attriċi tenut kont tal-fatt li l-konvenut ma kkontradixiex l-istess, filwaqt li ma rnexxilux jipprova sal-grad rikjest mil-liġi dawk il-kwistjonijiet sollevati minnu.

Għaldaqstant, il-Qorti tinsab moralment konvinta li l-konvenut għalkemm esternament għadda minn ċerimonja ta' żwieġ, internament u b'att pożittiv

tal-volonta’ tiegħu, eskluda wieħed mill-obbligi essenzjali għall-ħajja konjugali li jammonta għal simulazzjoni parzjali tal-kunsens tiegħu għaz-zwieġ. Il-Qorti temmen il-verzjoni mhux kontradetta tal-attriċi, u tasal għal konkluzjoni li l-konvenut resaq għaż-żwieġ izda mhux bl-intiza li jintrabat fiż-żwieġ mal-attriċi bid-drittijiet u l-obbligi reċiproċi li jitnisslu minn tali żwieġ. Dan premess u kkunsidrat, din il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attriċi hija ġustifikata fil-fatt u fid-dritt abbazi tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta’ Malta, u timmerita li tiġi milqugħa.

**DEĊIDE**

Illi għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa’ t-talba attriċi, b’dan illi:

1. Tiddikjara illi ż-żwieġ iċċelebrat bejn l-attriċi u l-konvenut fis-17 ta’ Mejju 2015, huwa null u bla ebda effett fil-liġi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Att dwar iż-Żwieġ, Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta’ Malta; għalhekk tordna li din id-deċiżjoni tiġi rreġistrata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fl-Att taz-Zwieġ relattiv tal-kontendenti.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.